MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Numru. 392/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Salvino Brincat**

Kumpilazzjoni Nru: 392/2010

Illum, 20 ta’ Gunju 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Salvino Brincat, ta’ 64 il-sena iben Dominic u Carmela nee Formosa residenti 22 Triq il-Papa Alessandru VII Birgu, imwieled il-Birgu, f’l-10 ta’ Jannar 1946 u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 53246(M).

Akkuzat talli matul ix-xahar ta’ Marzu 2010 xjentement, jew b’negligenza, nuqqas ta’ hila jew ta’ osservanza tar-regolamenti ikkagunajt dannu lil jew qridt propjeta kulturali sew jekk tali propjeta kulturali kienet, sew jekk ma kenitx, registrata f’xi inventarju skond dan l-Att u kemm jekk sid ta’ tali propjeta ta’ patrimonju kulturali, kont il-persuna li kont ikkagunajt il-hsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna kont qed tamministraha b’mod legittimu.

U aktar talli f’l-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe ghamilt hsara f’arblu u plakka, liema hsarat huma ta’ aktar nmin €116.47 ghad-dannu tal-Kunsill Lokali tal-Birgu u tal-Wirt Kulturali Malta u/jew persuni ohra.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat bix jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

a) 53(1)(a), 53(2) u 53(3) tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici. L-imputat jghix f’dar il-Birgu li hija kunsidrata bhala sit storiku. Fis-snin tlettin tas-seklu l-iehor kienu saru sensiela tal-plakek ta’l-irham biex immarkaw siti storici; wahda minn dawn il-plakek twahhelt mad-dar residenza ta’l-imputat. Mix-xhieda mghotija minn Nathaniel Cutajar u mir-rapport tal-perit Reuben Abela jidher li dawn il-plakek ta’ l-irham ukoll ghandhom valur storiku mhux biss minhabba l-eta taghhom imma anke minhabba li t-teknika

adoperata biex saru illum m'ghadhiex adoperata. Ftit ta' zmien ilu l-Kunsill Lokali tal-Birgu ha hsieb biex ghamel plakka tal-plastik imwahhla ma'arblu tal-hadid b'informazzjoni dwar dan is-sit.

Illi gara li fit-12 ta' April 2010 il-pulizija rceviet rapport mis-Sindku tal-Birgu li l-plakka ta' l-irham u l-plakka l-ohra u l-arblu ma kienux ghadhom fuq il-post. Saru l-investigazzjonijiet u fil-kors ta' dawn l-investigazzjonijet l-imputat ammetta mal-pulizija li huwa kien qala dawn l-oggetti u anke qal lill-pulizija li l-plakka ta'l-irham kien kissierha wara li qalaghha. Dawn l-oggetti kienu ghadhom fil-pussess ta'l-imputat u ikkonsenjahom lill-pulizija.

Illi ghalkemm il-fdalijiet tal-plakka ta'l-irham gew irkuprati, il-plakka ma tistax tigi restawrata imma ser ikollha ssir replika taghha.

Ikkunsdrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta' l-Avukat Generali huma ta' qerda ta' propjeta kulturali u ta' hsara volontarja.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-plakka ta'l-irham hija wahda ta' valur storiku u li tista' tigi kunsidrata bhala propjeta kulturali ai fini tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi lanqas ma jista' jkun hemm dubbju li kemm il-plakka ta'l-irham kif ukoll il-plakka aktar moderna u l-arblu inqalghu minn posthom u saritilhom hsara.

Illi dwar minn huwa responsabbli ghal dawn il-hsarat, mill-provi prodotti ukoll ma tantx jista' jkun hemm dubbji.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija u anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. F'l-isqarrija tieghu huwa qal li ra li plakka ta'l-irham kienet qed tinqala allura iddecida li jaqlaghha minn mal-hajt; qal ukoll li waqt li kien qed jaqlaghha waqatlu u nkisret ftit; minhabba li kellu xi kwistjonijiet mas-sindku tal-Birgu iddecida li jkompli

jkissirerha u ftit taz-zmien wara anke qala l-plakka tal-plastik u l-arblu.

Illi meta xehed quddiem din il-Qorti l-imputat qal li huwa innota li l-irhama kien qed tinbezaq minn fuq ghalhekk qalaghha, waqghet u inkisret f'bicciet zghar hafna. Ma ta l-ebda spjega dwar il-plakka tal-plastik u dwar l-arblu qal li dan kien maqlugh hu kemm dahhlu d-dar ghandu.

Illi l-imputat qal affarijiet ohra fid-depozizzjoni tieghu biex jipprova jiskolpa lilu nnifsu b'mod partikolari ghamel referenza ghall-fatt li huwa qieghed taht kura ta' psikjatra, jiehu xi medicinali u li dak in-nhar li rrilaxxja l-istqarrija ma kienx jaf x'inhu jaghmel anke minhabba l-fatt li hu mhux "ta dawn l-affarijiet".

Illi fil-verita mill-fedina penali ta' l-imputat jirrizulta li huwa instab hati ta' diversi reati erbatax il-darba. Huwa veru ukoll li hafna minn dawn ir-reati huma ta' natura kontravenzjonali pero zgur innecesittaw xi investigazzjoni u konsegwentment l-imputat ma jistax jghid li huwa estranju ghal mod kif isiru investigazzjonijiet u/jew ghall-ambjent tal-Qorti b'mod li jibda jeccieta ruhu sa tali punt li ma jkunx jaf x'inhu jghid u jaghmel. Del resto waqt id-depozizzjoni tieghu hu beda kontinwament jirribatti s-suggerimenti ta'l-ufficjal prosekutur dwar dak li kien qal waqt li kienet qed tittiehed l-istqarrija billi jghid li dak in-nhar hu qal affarijiet differenti minn dawk li kienu qed jigu suggerieti lilu waqt l-udjenza. Issa jekk l-imputat kien mifxul u minghajr koncentrazzjoni tant li ma kienx jaf x'kien qed jghid u jaghmel waqt li kien qed jirillaxxja l-istqarrija ma jistax ikun li jiftakar dak li kien qal. Jekk min-naha l-ohra jiftakar dak li kien qal lill-ispettur allura kien koncentrat u kien jaf ezattament x'inhu jghid u jaghmel.

Illi fil-verita hemm diversi inkosistenzi ohra fid-depozizzjoni ta'l-imputat u l-Qorti wara li kellha l-opportunita tara u tisma lill-imputat jaghti d-depozizzjoni tieghu waslet ghall-konkluzzjoni li mhux kredibbli u li ma tistax taghti affidabilita lid-depozizzjoni tieghu. Fil-fatt il-Qorti m'ghandhiex dubbju li, tenut kont ta' assjem tal-provi, il-fatti graw kif rakkontat mill-imputat f'l-istqarrjia

tieghu u li konsegwentement iz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-hsara fil-plakka ghandu jinghad li mill-provi prodotti jirrizulta li din il-hsara ma tistax tigi kwantifikata u ma giex indikat kemm ser tkun l-ispieza biex issir replika taghha. In oltre lanqas dwar il-plakka tal-plastik u l-arblu ma tressqet l-ebda prova dwar il-kwantum tal-hsara kkawzata.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni la darba il-valur tal-plakka ta’l-irhama ma jistaghx jigi stabbilit u la darba lanqas gie ndikat lill-Qorti xi spejjez hemm involuti fil-produzzjoni ta’ replika, il-Qorti ma tistax tapplika la l-proviso ta’l-ewwel subartikolu, u lanqas is-subartikolu 3, ta’l-artikolu 53 tal-Kapitolu 445.

Illi dwar it-tieni imputazzjoni kif diga ntqal mil-provi prodotti ma jirrizultax il-kwantum tal-hsara fis-sens kemm jinvolvu spejjez ir-rimpjazz tal-plakka u l-arblu. Konsegwentement il-Qorti trid bil-fors tassumi li l-hsara hija fil-minimu previst mill-Ligi u cioe dik li ma teccediex €23.29 kif stabbilit f’l-artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 53(1)(a) tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta’ Malta 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ €1,164.69 ghall-ewwel imputazzjoni u ammenda ta’ €50 ghat-tieni imputazzjoni; il-hlas ta’ dawn l-ammonti ghandu jsir fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------